22001D0009

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 9/2001

tat-23 ta' Frar 2001

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2000 tat-30 ta' Novembru 20001 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2000/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' protezzjoni *front underrun* ta' vetturi b'makna u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"– **32000 L 0040**: Id-Direttiva 2000/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 203, ta' l-10..8.2000, p. 9)."

([1]) ĠU L 45, tal-15.2.2001, p. 3.
([2]) ĠU L 203, ta' l-10.8.2000, p. 9.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2000/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-24 ta' Frar 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Frar 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.